**4 ta' April, 1984**

**Imhallef:-**

**Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.**

Joseph Bugeja

*versus*

Frankie Zammit

**Danni - Inċident Awtomobilistiku**

*Il-Qorti ta' l-Appell minn eżami fattwali apporzjona r-responsabbilità għall-inċident awtomobilistiku.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-12 ta' Jannar, 1983, quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta li biha Joseph Bugeja ħarrek lil Frank Zammit biex jidher quddiem l-istess Qorti u hemm jgħid għaliex: (1) ma kellux jiġi ddikjarat unikament responsabbli għall-kolliżjoni li saret fit-13 ta' Ottubru, 1982, għall-ħabta tas-2.40 p.m., fi Triq il-Kanuni, Ħal Qormi, bejn il-karozza ta' l-attur Ford Anglia nru. N-6917 u l-van transit nru. B-2467 misjuq mill-konvenut, liema kolliżjoni ġrat bi ħtija, traskuraġni u nonosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut; (2) ma kellhomx jiġu likwidati d-danni sofferti mill-attur in segwitu għall-imsemmija kolliżjoni, jekk hemm bżonn permezz ta' periti *nominandi* u (3) il-konvenut ma kellux jiġi kkundannat iħallas lill-attur dik is-somma li tiġi hekk likwidata bħala danni, skond id-domanda preċedenti: Għall-fini tal-kompetenza ġie ddikjarat illi l-attur jirrinunzja għal kwalunkwe somma in eċċess ta' Lm50 (ħamsin lira);

Rat in-nota tal-konvenut ippreżentata fil-21 ta' Jannar, 1983 li biha eċċepixxa li l-kolliżjoni in kwistjoni ġrat minħabba tort imputabbli lill-attur;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fid-9 ta' Mejju,

1983. li biha ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet ta' l-imsemmi Zammit u milqugħa t-talbiet ta' l-istess Bugeja u fejn l-istess Zammit ġie ddikjarat unikament responsabbli għall-kolliżjoni u fejn huwa ġie kkundannat iħallas lil Bugeja s-somma ta' Lm49.75 likwidata bħala danni minnu sofferti; bl-ispejjeż; wara li dik il-Qorti kkunsidrat illi:

"Kien irriżulta li għal xis-2.30 p.m. tat-13 ta' Ottubru, 1982, l-attur kien ġej min-naħa ta' Birkirkara bil-karozza tiegħu Frod Anglia nru. N-6917, sejjer lejn Ħal Qormi, x'ħin wasal biex idur mar-*roundabout* żgħira qabel jaqbad in-niżla lejn Ħal Qormi huwa waqqaf biex jippermetti t-traffiku jgħaddi dritt fuq il-*major road* quddiemu; Il-konvenut kien ġej min-naħa tal-Ħamrun *By-Pass* isuq Transit van nru. P-2467 sejjer lejn il-Mosta bit-tfal ta' l-iskola; Dawn iż-żewġ karozzi ħabtu eżatt f'linja diretta max-xifer tas-*central strip* li suppost toffri *shelter* biżżejjed lill-karozza ta' l-attur (ara skizz dok. D, ippreparat mill-pulizija);

L-attur xehed li hu waqaf qabel il-kolliżjoni u rriversja ftit ċentimetri lura biex juri lis-surġent li ġie jkejjel id-distanzi, ir-roqa ta' trab taħt ir-rota ta' quddiem; B'hekk il-kolliżjoni, skond l-attur, ġrat fil-post eżatt mal-linja ta' barra tas-*central strip* u ġrat unikament peress li l-konvenut għafas wisq għal fuq l-attur (fol. 8 tal-proċess);

Il-konvenut jammetti li ra l-karozza ta' l-attur iddur mar-*roundabout* biex taqbad in-niżla lejn Ħal Qormi u hekk taqsam "il-*major road*" li minnha kien għaddej il-konvenut; il-konvenut però jinsisti li hu baqa' xorta għaddej għad-dritt kif kien peress li, kif xehed "jien kont qiegħed fil-*main road*"; Il-konvenut jammetti ukoll li f'dak il-lokal "bilfors irrid niġbed daqsxejn lejn ir-*roundabout* biex indur magħha ..." u a fol. 26 jerġa' jinsisti li: "jiena ma evitajtux peress li jiena kont bid-dritta ...";

Il-Qorti ġà kellha okkażjoni f'kawża kriminali tosserva li *roundabout* l-aħjar tkun magħmula bħal *traffic island* aktarx tonda, kbira biżżejjed biex tisforza lid-*driver* idur magħha u jitlaq il-linja dritta tat-triq; F'din il-kawża odjerna, il-kontendenti jidhru li jaqblu li l-liġi dwar ir-*roundabouts* ċjoè li "b'mod ġenerali u jekk iċ-ċirkostanzi l-oħra jkunu ugwali min jasal l-ewwel jinqeda l-ewwel" ma għandhiex tiġi applikata peress li t-*traffic island* li magħha kien qed idur l-attur mhix *roundabout* vera u proprja;

Mill-bqija kif kullħadd jaf, it-traffiku għaddej matul il-*major road* igawdi *right of way* fuq kull traffiku ieħor; B'daqshekk però jibqa' li kullħadd, inkluż id-*driver* fuq il-*major road*, irid isuq dejjem b'attenzjoni; li jfisser jagħraf il-waqt u jagħmel mill-aħjar tiegħu biex jevita kull inċident possibbli;

Mill-provi mismugħa f'din il-kawża u mill-fattispeċje tal-kolliżjoni in eżami, jirriżulta ċar li l-konvenut għalkemm ra fil-waqt li l-karozza ta' l-attur qed tiżbokka ġot-triq tiegħu, l-konvenut irrifjuta jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex jevita l-kolliżjoni. Il-konvenut ma kienx prudenti u kawt fis-sewqan tiegħu kif kien id-*driver* legali tiegħu li jkun. Hu ma kienx qed isuq *well to the left - regulation 48, Malta Highway Code* - anzi flok fittex biex jevita l-kolliżjoni, baqa' jsuq dritt kif kien isuq min-naħa tal-lemin nett tal-karreġġjata tiegħu; ir-*Regulation 87* ta' l-istess Kodiċi jgħid: "*Do not abuse of your right of way, if you have reason to suspect that the other vehicle is not conceding priority. You have still got the responsibility for avoiding an accident*";

Din il-kolliżjoni in eżami ġrat biss kawża ta' l-insistenza esaġerata u l-pretensjonijiet żejda tal-konvenut fuq id-drittijiet tiegħu fis-sewqan. Il-kap ċivili, sakemm huma żejda dawn il-

pretensjonijiet huma ġusti:

Rat in-nota ta' l-appell ippreżentata mill-imsemmi Zammit, *fit-12 ta' Mejju, 1983 u l-petizzjoni tiegħu tat-13 ta'* Mejju, 1983 fejn ġie mitlub li dina l-Qorti tirrevoka s-sentenza msemmija u tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu:

*Rat ir-risposta ta' Joseph Bugeja ppreżentata fis-27 ta'* Mejju, 1983 fejn ġiet mitluba konferma ta' l-istess sentenza:

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti hemm esebiti:

Semgħet lill-Avukat Albert Libreri għall-appellant u lill-Avukat Kevin Dingli għall-appellat:

Ikkunsidrat:

Illi wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi li ġejjin u ċjoè: li l-ħsara fil-karozza misjuqa mill-appellat kienet fuq in-naħa tal-lemin ta' quddiem:

Li l-ħsara fil-karozza ta' l-appellant kienet fuq in-nofs tan-*naħa tal-lemin* (jiġifieri li dina l-karozza kienet ġà skapulat nofsha qabel ma saret il-ħabta):

Li l-karozza ta' l-appellant kienet qegħda żżomm wisq fuq il-parti tal-lemin tat-triq u kienet qegħda ddur lejn il-lemin:

Li l-karozza ta' l-appellant ma jidhirx li ħabtet ma' l-*island* li kienet fuq il-lemin tal-karozza l-oħra:

Li l-karozza ta' l-appellat billfors sporġiet, għalkemm

mhux wisq, fuq it-triq li minnha kien għaddej l-appellant;

Li d-dinamika tal-ħabta teskludi l-probabilità li l-karozza ta' l-appellat laħqet waqfet għal kollox qabel ma waslet fuqha l-karozza misjuqa mill-appellant u li bilfors ġara illi dina l-karozza mxiet 'il quddiem (għalkemm għal distanza minima) mill-mument meta għaddiet minn quddiemha l-parti ta' quddiem tal-karozza misjuqa mill-appellant u l-mument tal-ħabta għaliex li kieku ma kienx hekk il-ħsara lill-karozza ta' l-appellant ma kinitx issir fil-parti tan-nofs tal-karozza iżda kienet issir fil-parti ta' quddiem; u

Li għalkemm l-appellant kien qiegħed idur lejn il-lemin, il-kurva li kien qiegħed jieħu b'hekk ma kinitx tant qawwija biex tressaq il-karozza lateralment u ġġiegħla taħbat mal-karozza l-oħra anke fl-ipotesi li dina kienet wieqfa;

Din il-Qorti hija tal-fehma illi t-tort tal-kolliżjoni mhuwiex biss fl-appellant li ma kellux għalfejn iross fuq il-lemin meta kellu karozza oħra li, kif seta' josserva huwa stess, kienet waslet biex taqsam it-triq tiegħu, imma anke fl-appellat li ma evitax li jisporġi, għalkemm bi ftit, fi triq prinċipali għal tiegħu li huwa kien sejjer jaqsam;

Illi din il-Qorti, fil-kwadru taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ikkunsidrat illi t-tort għall-kolliżjoni għandu jaqa' fuq iż-żewġ partijiet b'dana illi l-proporzjon li għandu jbati Frank Zammit huwa ta' tliet kwarti (3/4) u dak ta' Joseph Bugeja huwa ta' kwart (1/4);

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ammont tad-danni sofferti minn Joseph Bugeja ġie ppruvat li jilħaq L49.75,0;

Għal dawna l-motivi l-Qorti tilqa' l-appell fis-sens illi

tiddikjara illi r-responsabbilità għall-kolliżjoni qegħda fuq iż-żewġ partijiet u relattivament għad-danni li joħorġu minnha, tliet kwarti (3/4) għandhom jaqgħu fuq il-konvenut appellant u kwart (1/4) fuq l-attur appellat u konsegwentement tikkundanna lill-istess Frank Zammit iħallas lil Joseph Bugeja s-somma ta' Lm37.32 li huma tliet kwarti tad-danni sofferti minn Bugeja, li qegħdin jiġu likwidati għal Lm49.75c0. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu kwantu għal tliet kwarti (3/4) mill-konvenut appellant u kwantu għal kwart (1/4) mill-attur appellat: